KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 24 (kontinwazzjoni 1) — IS-SITT KUNSILL**

L-erbgha u ghoxrin seduta (kontinwazzjoni 1) tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet il-**Gimgha 19 ta` Novembru, 2010** fil-5.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Johanna Gonzi, il-Viċi Sindku Cyrus Engerer u l-Kunsilliera Marianne Aquilina, Yves Bobby Cali, Edward Cuschieri, Julian Galea, Patrick Pace.

**UFFIĊĊJALI PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi u l-*Assistant Principal* Stefania Friggieri.

**SKUZATI**

Il-Kunsilliera Sandra Camilleri (minhabba impenn iehor), Martin Debono, Nicolai Gauci

**ASSENTI**

Il-Kunsilliera ~~Martin Debono~~, Nikki Dimech, ~~Nicolai Gauci~~.

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 24 (KONTINWAZZJONI 1)**

Is-Sindku Johanna Gonzi ppresediet il-laqgħa.

Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill unanimament qabel li jkompli jiddiskuti issa *item* numru tmienja (8) tal-aġenda.

**24.8. Approvazzjoni tal-pagamenti**

**24.8.7** Il-Kunsill kompla jkkunsidra c-cedola tal-pagamenti min-numru 103 u ttieħed vot kif ġej. Xi pagamenti kienu diga gew approvati fis-seduta precedenti kif qed jigi indikat hawn taht:

| **Numru ta' referenza** | **Deċiżjoni** | **Kummenti** |
|---|---|---|
| 103 sa 107 | Approvati | Qbil unanimu |
| 108 | Approvat | Fis-seduta precedenti 17/11/2010 |
| 109 | On Hold | Il-Kunsill qabel li jitlob gwida mid-Dipartiment dwar dan il-pagament minhabba li t-*tender* kien skada |
| 110 sa 114 | Approvati | Qbil unanimu |
| 116 | Approvat | Fis-seduta precedenti 17/11/2010 |
| 117 | Approvat | Fis-seduta precedenti 17/11/2010 |
| 118 | Approvat | Qbil unanimu |
| 119 u 120 | Approvati | Fis-seduta precedenti 17/11/2010 |
| 121 | Approvat | Qbil unanimu |
| 122 sa 124 | Approvati | Fis-seduta precedenti 17/11/2010 |
| 125 u 126 | Approvati | Qbil unanimu |
| 127 sa 132 | Approvati | Fis-seduta precedenti 17/11/2010 |
| 133 | Mhux Approvat | Il-Kunsill qabel li għandu jikkomunika mal-kumpanija ARMS |
| 134 sa 135 | Approvati | Qbil unanimu |
| 136 sa 137 | Mhux Approvati | Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-parroċċi biex jinfurmahon li ma jistax jagħti donazzjonijiet |
| 138 sa 139 | Approvati | Fis-seduta precedenti 17/11/2010 |
| 140 | Approvat | Qbil unanimu |
| 141 | Mhux Approvat | Qbil unanimu |
| 142 | Approvat | Qbil unanimu |
| 143 | Approvat | Kien hemm qbil unanimu li għalissa l-Kunsill jibqa għaddej b'dan il-kuntratt |
| 144 | Approvat | Qbil unanimu |
| 145 | Mhux Approvat | Qbil unanimu |
| 146 | Mhux Approvat | Qbil unanimu. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lil Polidano Group dwar il-ħsara |
| 147 sa 150 | *On hold* | Il-Kunsill għandu jiċċekkja l-kwota tat-tunellaġġ qabel ma jintbgħat il-pagament |
| 151 sa 156 | Approvati | Qbil unanimu |
| 157 | Mhux Approvat | Qbil unanimu. Il-Kunsill irrefera għaċ-ċirkulari |
| 158 | Mhux Approvat | Qbil unanimu |
| 159 sa 163 | Approvati | Qbil unanimu |

**24.7 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**24.7.14** Is-Sindku resqet proposta ghal kunsiderazzjoni tal-Kunsill li rcievet mill-Malta Philarmonic Orchestra biex isir kuncert f'Tas-Sliema fl-ahhar gimgha ta' Jannar 2011.

***24.7.14.1*** Is-Sindku spjegat li dan il-kuncert ghandu jkun organizzat mill-Malta Philarmonic Orchestra flimkien mal-Kunsill Lokali.

***24.7.14.2*** Is-Sindku qalet li s-Sur Michael Aquilina, f'isem il-Malta Philaronic Orchestra talab li dan il-kuncert jinzamm fit-Teatru tas-Salezjani, Tas-Sliema.

***24.7.14.3*** Is-Sindku qalet li l-ispejjez ghall-organizzazjoni tal-kuncert se jinqassmu kif gej:
Eur1,500 se jkunu mhallsa mill-Malta Philarmonic Orchestra waqt li n-nefqa mill-Kunsill ghandha tkun ta' Eur700 ghall-garr tal-istrumenti tal-muzicisti kif ukoll il-kirja tat-teatru tas-Salesjani.

***24.7.14.4*** Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill japprova n-nefqa, li jkun ivverifikat jekk it-teatru jistax jintuza, kif ukoll li l-qliegh mill-bejgh tal-biljetti ghandu jinghata lill-karita. Qed jigi propost li kull biljett jinbiegh ghal Eur5.

***24.7.14.5*** Il-Kunsillier M. Aquilina ssekondat. Il-Kunsilliera kollha prezenti vvutaw favur din il-proposta.

**24.7.15** Il-Kunsillier E. Cuschieri ressaq kwotazzjoni mis-Sur M. Lubrano ghall-organizzazzjoni ta' kuncert fis-7 ta' Jannar 2011. ***"Dok A" anness ma' dawn il-minuti***. Saret diskussjoni dwar din il-proposta. Il-Kunsill unanimament ma qabilx ma' din il-proposta minhabba li l-prezz kien oghla minn dak permess mill-proceduri finanzjarji tal-kunsilli lokali ghal xiri ta' servizz b'*direct order*.

**24.7.16** Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li minhabba li l-Kunsill Tas-Sliema jorganizza diversi kuncerti u attivitajiet kulturali matul is-sena jkun ahjar jekk tinhareg sejha ghal kwotazzjonijiet ghal uzu ta' teatru f'Tas-Sliema.

***24.7.16.1*** Il-Kunsillier E. Cuschieri ppropona li tinhareg sejha ghal kwotazzjonijiet ghal uzu ta' teatru ghall-attivitajiet kulturali li jorganizza l-Kunsill matul is-sena. Il-kwotazzjoni ghandha tinhareg ghal perjodu ta' gimghatejn u l-Kunsill ghandu jirriserva d-drittt li juza teatri ohra skont il-bzonn. Il-Kunsillier Y. Cali ssekonda. Il-Kunsilliera kollha prezenti vvutaw favur din il-proposta.

| | |
|---|---|
| **24.7.17** | Is-Sindku resqet proposta ghal kunsiderazzjoni tal-Kunsill li rcievet mill-kumapnija Thomas Smith biex tkun organizzata ghawma b'rizq l-Istrina fis-26 ta' Diċembru 2010 flimkien mal-Kunsill Tas-Sliema. |
| ***24.7.17.1*** | Is-Sindku qalet li l-involviment tal-Kunsill f'din l-attivita se jkun kif gej: li jipprovdi xi snacks u kafe u te għal madwar mitt għawwiema kif ukoll li jitqabbdu l-iScouts jew is-Salesian Brigades biex joffru servizz taghhom f'din l'attivita. |
| ***24.7.17.2*** | Is-Sindku qalet li l-Kunsill ghandu jitlob gwida jekk is-sehem tieghu f'din l-attivita tikkwalifikax taht Memo 126/2010 mahruga mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali. |
| ***24.7.17.3*** | Il-Vici Sindku ssekonda. Il-Kunsilliera kollha prezenti vvutaw favur. |
| **24.7.18** | Il-Kunsillier J. Galea ippreżenta pjanti u strutturi ghal *outdoor gym* fuq il-promenade. |
| ***24.7.18.1*** | Is-Sindku qalet li dan il-progett jista' jkun parti mis-sit li l-Kunsill talab devoluzzjoni ghalih, cioe il-bicca art fuq id-Di-ve systems, flimkien mal-bandli u l-lattrina pubblika. |
| ***24.7.18.2*** | Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill ikompli ghaddej bil-process ta' devoluzzjoni ta' dawn is-siti. Is-Sindku qalet li l-applikazzjoni ghad-devoluzzjoi tiswa marwar Eur 233. Il-Viċi Sindku C. Engerer issekonda. Il-Kunsilliera prezenti ivvutaw favur. |
| ***24.7.18.3*** | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ghall-attenzjoni tal-Kunsill li l-manutenzjoni u spejjez ohra tal-propjeta devoluta se jkunu r-responsabilta tal-Kunsill. |
| **24.7.19** | Is-Sindku pproponiet li l-perit tal-Kunsill ghandu jivverifika l-istimi ghat-toroq ipprezentati taht il-Memo 45/2010. Il-Kunsillier E. Cuschieri ssekonda. Il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera M. Aquilina, B. Cali, J. Galea u P. Pace ivvutaw favur. |
| **24.7.20** | Is-Sindku ipprezentat il-lista ta' dekasteri tal-Kunsilliera. ***"Dok B" anness ma' dawn il-minuti***. |
| 24.7.20.1 | Is-Sindku rringrazzjat lil Kunsilliera għal aċċetazzjoni tal-karigi tagħhom u saħqet fuq l-impenn tagħha biex il-ħidma tal-Kunsill tirnexxi b'mod kollettiv. |

**24.7.21** Is-Sindku ressqet quddiem il-Kunsill korrispondenza minghand is-Sinjura Astrid Vella biex il-Kunsill jippartecipa fi proġett propost minn studenti tal-Fakulta tal-Arkitettura fuq Villa Boniċi. Is-Segretarju Ezekuttiv ghandha tikteb lis-Sinjura Astrid Vella ghal aktar informazzjoni. Dan il-progett ghandu jerga' jigi diskuss.

**24.7.22** Is-Sindku ressqet ghall-attenzjoni tal-Kunsill skema tal-Korporazzjoni ghax-Xoghol u Tahrig biex il-Kunsilli japplikaw ghall-haddiema mal-Kunsill. Il-haddiema se jkunu mhallsa mill-Korporazzjoni. Il-Kunsill qabel li ghandu japplika ghal din l-iskema.

**24.7.23** Il-Kunsillier J. Galea ippropona li l-Kunsill għandu juża l-*Facebook* biex jirriklama attivitajiet jew informazzjoni oħra tal-Kunsill mingħajr ma jkun hemm aċċess lill-terzi biex jibghatu kummenti. Is-Sindku issekondat. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier E. Cuschieri ivvutaw favur. Il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali u P. Pace astjenew. Din is-sistema għanda tkun amministrata mill-impjegati tal-Kunsill.

**24.7.24** Is-Sindku ressqet ghall-attenzjoni tal-Kunsill il-bzonn li tinhareg sejha ghall-kwotazzjonijiet għall-uniformi tal-istaff klerikali tal-Kunsill. Is-Sindku pproponiet li s-sejha ghall-kwotazzjonijiet ghandha tohrog ghall-perjodu ta' gimghatejn.

***Il-Kunsillier Y. Cali ġie skużat li jitlaq mis-seduta fis-7.15 ta' filghaxija***

**24.7.25** Is-Sindku ressqet korrispondenza mibghuta mill-hanut *Expressions* dwar *car wash* li kienet se tkun organizzata mill-Parrocca ta' San Girgor. Is-sid tal-hanut *Expressions* oggezzjona ghal post li fih kienet ippjanata li se ssir l-attivita. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta u zam mad-decizjoni tieghu tas-26 ta' Ottubru 2010.

**24.7.26** Il-Kunsillier J. Galea ppropona mappa ġdida ta' Tas-Sliema li fuqha ghandu jkun hemm imnizzel l-ismijiet tal-lukandi u r-ristoranti fost l-ohrajn. Ippropona li ghandha ssir laqgha ma' ufficjali mill-Awtorita Maltija ta' Turizmu.

**24.7.27** Il-Kunsillier J. Galea ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill il-progett "Europena", li huwa progett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea u mmexxi mill-kumpanija Maltija *Across*

*Limits* u li l-ghan tieghu huwa li jigu *digitilised* ritratti antiki jew affarijiet simili li jitpoggew fuq is-sit tal-librerija Ewropea digitali "Europeana".

***24.7.27.1*** Il-Kunsillier Galea ta' spjegazzjoni dettaljata dwar dan il-progett.

***24.7.27.2*** Il-Kunsillier Galea qal li l-Kunsill mhux se jidhol fi spejjez u li r-rwol tal-Kunsill se jkun dak li jilqa lir-rapprezentanti ta' Across Limits gol-Kunsill fit-tieni ġimgħa ta' Jannar biex ikun jista' jiwettaq il-progett.

***24.7.27.3*** Il-Kunsillier E. Cuschieri issekonda. Il-Kunsilliera presenti vvutaw favur il-proposta.

**24.7.28** Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill ma jibqax jibgħat it-tabib biex ihejji rapport mediku meta l-Kunsill jircievi applikazzjoni ghal *reserved parking* u dan minħabba li d-deċiżjoni finali hija ta' Transport Malta. Il-Kunsillier P. Pace ssekonda. Il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, E. Cuschieri u J. Galea ivvutaw favur.

**24.7.29** Is-Sindku pproponiet li d-dwal tal-Milied fit-toroq jinxteghlu fl-1 ta' Diċembru, 2010. Ipproponiet ukoll li ssir konferenza stampa ghall-okkazjoni, li ghaliha tkun mistiedna wkoll il-komunita kummercjali Slimiza. Is-Sindku esprimit ix-xewqa li l-Kunsilliera kollha jkunu preżenti ghal din l-okkazjoni.

**24.7.30** Is-Sindku pproponiet lill-Kunsill li ssir laqgħa biex tiġi approvata r-risposta għall-*Management Letter* b'referenza ghall-*Mid-term Audit* nhar it-Tlieta 30 ta' Novembru 2010. Il-Vici Sindku ssekonda. il-Kunsill qabel unanimament ma' dan.

**Kien hemm qbil li s-seduta 24 tkun aggornata ghal nhar il-Gimgha 26 ta' Novembru fil-5:30 ta' filgħaxija. Is-seduta ntemmet fit-8.30 ta' filghaxija.**

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Ezekuttiv**

Minuti approvati llum ....09.......Marzu.... ta' ...................... 2010 / 2011
(jum) (data) (xahar)